BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghat-Tnejn-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar il-Hamis, 30 ta' Ottubru 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

| | |
|---|---|
| 1 | **Talba** |
| 2 | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 31** |
| 3 | **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti** |
| 4 | **Pjan ta' Hidma 2009/2011** |
| 5 | **Budget 2008/2009** |
| 6 | **Rapport Amministrattiv 2007/2008** |
| 7 | ***Financial Statements* sal-31/8/2008** |
| 8 | **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 24** |
| 9 | **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti** |
| 10 | **Eghluq** |

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tal-Tnejn-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 30 ta' Ottubru 2008 mis-6:30p.m. sad- 8:55pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo ---Assenti imma Skuzat |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt ---Assenti imma Skuzata |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera Sergio Carbonaro u Joanne Borg dahlu fil-kamra fis-6:38pm, 6.42pm u 6.43pm rispettivament. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Roberto J. Buontempo u Dr.Josianne Cardona Gatt kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 31**

Il-Minuti tal-Wiehed-u -Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati minghajr bdil, bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghal *item 5.* Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi hu kien gie nfurmat illi fuq dak l-izvilupp il-MEPA kienet harget *Enforcement Notice.*

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Il-hin kien is-6:38pm.

BIRKIRKARA

4 **Pjan ta' Hidma 2009/2011**
5 ***Budget* 2008/2009**
6 **Rapport Amministrattiv 2007/2008**
7 ***Financial Statements* sal-31/8/2008**

Ghall-habta tas-6.40pm, is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami bil-permess tal-membri kollha prezenti stieden lill-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella biex jaghti spjegazzjoni dwar ir-rapporti prezentati li huma:- l-Pjan ta' Hidma 2009/2011, il-*Budget* 2008/2009, ir-Rapport Amministrattiv 2007/2008 u l-*Financial Statements* sal-31/8/2008.

Hawnhekk dahlu fil-kamra l-Kunsilliera s-Sinjuri Sergio Carbonaro u Joanne Borg. Il-hin kien is-6:42pm u is-6:43pm rispettivament.

Saret diskussjoni fejn diversi kunsilliera staqsew numru ta' mistoqsjiet li l-maggor parti minnhom kienu dwar xi whud mill-punti mqajjma mill-Awditur tal-Gvern fil-*management letter*. Infatti l-mistoqsijiet li saru kienu dwar il-flus li baqghalu jiehu l-Kunsill mill-*Urban Regeneration Project*, kif ukoll dwar *id-defecit* li qed jirregistra l-Kunsill. Fir-risposti tieghu l-*accountant* ghamel riferenza ghas-somarju dwar il-*budget* li kien thejja apposta ghall-kunsilliera, kif ukoll, accenna ghar-risposta li taw s-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv fuq il-*management letter* ta' l-awditur. L-*accountant* spjega li dwar id-*defecit* l-awditur kien ha *'the worst scenario'* u dan qiesu l-Kunsill ma kien ser idahhal l-ebda flus mill-*Urban Regeneration Projection* u lanqas mill-LES.. Hawnhekk kemm *l-accountant* kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv regghu sostnew illi l-Kunsill m'ghandux jidhol ghall-ebda progett kapitali sakemm il-finanzi tal-Kunsill ikunu fis-sod. L-*accountant* sostna li l-*budget* kien qed jigi mhejji fuq din il-bazi, kif ukoll, li l-Kunsill inaqqas minn spejjez ohra, bhal per ezempju, dawk konnessi ma' l-istampar tal-magazin. Hu qal ukoll li fil-granet li gejjien hu kien ser ihejji *Projection* biex ikompli jigi ndirizzat id-*defecit*. Is-Sur Vella qal li meta dawn ikunu lesti hu kien ser jitlob biex dawn jitressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Hu qal li kien ser jaghmel *monitoring* kontinwu biex jara li l-Kunsill izomm mal-*projections* kif ikunu approvata.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill f'dawn l-ahhar jiem kien applika biex jiehu aktar fondi mill-UIF, din id-darba fuq l-isqaqien li saru bil-pavimentar dan l-ahhar. Hu accenna wkoll ghal-laqghat li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kien qed ikollhom ma' l-Awtorita tad-Djar dwar il-flus li baqghalna niehdu mill-*Urban Regeneration Project* filwaqt li ghamel riferenza ghall-ittra bid-data tat-30 ta' Ottubru 2008 li hu kien kiteb lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (Din qed tigi annessa ukoll mal-minuti). Saret riferenza wkoll ghal certu dokumenti li hemm fil-*file* nkonnessjoni ma dan il-progett. **Hawn M. Camilleri wera dubju dwar id-dhul tal-ammonti li ilhom snin dovuti lill-Kunsill. Qal li s-somma mil-LES kienet giet *written off*, Wara li s-Sur Vella gharrafna li l-awtorita tad-djar qeghda tikkontesta l-ammont dovut lill-Kunsill mill-progett tal-*Urban Regeneration*, Camilleri talab li jinqara l-agreement koncernat, u ssuggerixxa li niehdu passi legali jekk ghandna kaz. Is-Sindku qal li qed jiehu passi ma' l-awtorita, u assigura lill-Kunsill li nircievu l-flus sa l-ahhar tas-sena.**

Is-Sindku spjega il-hsieb li fil-gimghat li gejjien il-Kunsill johrog tenders godda nkonnessjoni mar-reklamar fuq il-*bus-shelters* il-godda li ghalihom (ghall-Bus Shelters) konna ircevejna l-approvazzjoni mill-ADT. Hu qal li mir-reklamar hu kkalkulat li l-Kunsill idahhal ammont kunsiderevoli ta' flus. It-tender l-iehor hu ghal *security guard* ghall-gonna, u dan biex inkomplu nnaqqsu l-vandalizmu. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Fid-diskussjoni il-Kunsillier Anthony Buttigieg irrimarka illi qabel ma giet imwiegba l-*management letter* din kellha tittella quddiem il-Kunsill. Filwaqt li l-Kunsillier Dr. George Debattista sostna li l-Kunsilliera kellhom jigu kkonsultati minn qabel rigward il-*budget*. Dwar ir-risposta ghall-*management letter*, liema ittra kienet indirizzata lilu bhala Sindku, s-Sindku wiegeb li ntuzat il-procedura li ilha tintuza s-snin filwaqt li dwar il-budget is-Sindku qal li f'wahda mil-laqghat precidenti li kienet saret fil-bidu tas-sena kienet tqassmet cirkolari lill-Kunsilliera kollha biex huma jressqu l-proposti taghhom ghal-budget, biss hadd ma' kien irrisponda.

Hawnhekk hareg mill-kamra il-Kunsillier is-sur Sergio Carbonaro. Il-hin kien is-7:59pm

Qabel mad-dokumenti gew approvati l-Kunsillier s-Sur Anthony Buttigieg suggerixxa biex il-Kunsill jitlob laqgha ma' l-awditur biex jigu kjarifikati xi punti msemmija fl-ittra tieghu. Is-Suggeriment tas-Sur Anthony Buttigieg li kien issekondat mis-Sindu s-Sur Michael Fenech Adami gie approvat b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

Il-Kunsillier Dr. George Debattista ssuggerixxa illi l-Kunsill m'ghandux jidhol ghall-ebda spiza kapitali ohra hlief ghal dawk il-progetti li jkunu ser jigu ffinanzjati mill-UIF jew mill-Gvern. Is-Suggeriment ta' Dr. George Debattista li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg gie approvat b' ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

Wara il-Pjan ta' Hidma 2009/2011, l-Budget 2008/2009, ir-Rapport Amministrattiv 2007/2008 u l-*Financial Statements* sal-31/8/2008. gew approvati minghajr bdil, b' ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

Hawnhekk harget mill-kamra l-Kunsilliera s-Sinjorina Charlene Camilleri. Il-hin kien it-8:15pm

## 8 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 24

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 24 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

Wara li l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 24. Il-lista giet approvata minghar bdil, b' disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

## 9 Approvazzjoni tal-Listia tal-Flus Kontanti

Il-lista tal-Flus Kontanti tal-perjodu mis-17/9/2008 sat-23/10/2008 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata minghajr bdil, b' disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

## 10 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien id-8.50pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**